

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1910

tal-21 ta' Ottubru 2015

li jemenda l-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-gważatina f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a), l-Artikolu 18(1)(b) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi (MRL) għall-gważatina ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità", ressqet opinjoni motivata dwar l-MRL eżistenti għall-gważatina f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ⁽²⁾. L-awtorizzazzjonijiet kollha eżistenti tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva gważatina ġew irrevokati. It-tolleranzi tal-importazzjonijiet ma ġewx irrapporati fil-livell tal-Unjoni u lanqas ma kienu disponibbli l-MRL tal-Codex. Ladarba ma kienx hemm tagħrif dwar prattiki agrikoli speċifiċi tajbin li setgħu jintużaw f'valutazzjoni tar-riskju għall-konsumatur, l-Awtorità kkonkludiet li valur ta' 0,05 mg/kg jipprovdi livell sodisfaċenti ta' protezzjoni għall-konsumaturi Ewropej. Għalhekk huwa xieraq li l-MRL jiġu stabbiliti fil-limitu speċifiku ta' kwantifikazzjoni. Huwa xieraq ukoll li d-definizzjoni tar-residwu tinbidel.
- (3) Barra minn hekk, il-Belġju indika li l-MRL eżistenti għall-gważatina fit-tronġiet (grejppfrut) u fil-larinġ jistgħu jqajmu tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi. B'mod partikolari, ma setax jiġi eskluż riskju akut għall-konsumaturi, saħansitra permezz ta' valutazzjoni mirquma tar-riskju, li jqis fattur tal-ipproċessar għall-frott taċ-ċitru. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri rrappreżentati fil-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf qiesu li hija deċiżjoni xierqa ta' ġestjoni tar-riskju li l-MRL jitnaqqsu għal livell li jkun intwera li huwa sikur għall-konsumaturi Ewropej.
- (4) Skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tressqet applikazzjoni għall-użu tal-gważatina fuq il-frott taċ-ċitru. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 din l-applikazzjoni ġiet evalwata mill-Istat Membru kkonċernat u r-rapport ta' evalwazzjoni ntbagħat lill-Kummissjoni. L-Awtorità vvalutat l-applikazzjoni u r-rapport ta' evalwazzjoni, u eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali u tat opinjoni motivata dwar l-MRL proposti ⁽³⁾. L-Awtorità baġtet din l-opinjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u għamlitha disponibbli għall-pubbliku. L-Awtorità kkonkludiet fl-opinjoni li ma tirrakkomandax li jiġu stabbiliti l-MRL proposti peress li d-dejta disponibbli ma kinitx biżżejjed sabiex jiġi eskluż riskju għall-konsumaturi Ewropej.
- (5) L-applikant talab rieżami amministrattiv tal-opinjoni motivata tal-Awtorità skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Dan ir-rieżami wassal għall-konklużjoni li ma ġew identifikati l-eċċessivi difetti u żbalji sostanzjali ta' valutazzjoni min-naħa tal-Awtorità.

⁽¹⁾ ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1.

⁽²⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels (MRLs) for guazatine according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005 (Opinjoni motivata dwar ir-rieżami tal-limiti massimi tar-residwi (MRL) eżistenti għall-gważatina f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005). EFSA Journal 2013;11(5):3239. [20 pp.].

⁽³⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the modification of the existing MRL for guazatine in citrus fruits. (Opinjoni motivata dwar il-modifika tal-MRL eżistenti għall-gważatina fil-frott taċ-ċitru). EFSA Journal 2014;12(8):3818. [29 pp.].

- (6) Abbażi tal-opinjoni motivati tal-Awtorità u filwaqt li ġew meqjusal-fatturi rilevanti f'dan ir-rigward, il-modifiki xierqa għall-MRL jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (8) Sabiex jippermetti t-tqegħid fis-suq, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament għandu jistipula arranġament tranżizzjonali għall-prodotti li ġew prodotti legalment qabel il-modifika tal-MRL u li għalihom it-tagħrif juri li qiegħed jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.
- (9) L-arranġament tranżizzjonali previst minn dan ir-Regolament għandu jqis it-tħassib dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi bl-MRL eżistenti għall-gważatina fit-tronġiet u fil-larinġ.
- (10) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma l-MRL modifikati jsiru applikabbli, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi fin-negozju tal-ikel ikunu jistgħu iħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRL.
- (11) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRL il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u ġew meqjusal-kummenti tagħhom.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Fir-rigward tal-gważatina, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament jibqa' japplika għall-prodotti li ġew prodotti legalment qabel it-13 ta' Mejju 2016 ħlief għat-tronġiet u għal-larinġ.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Madankollu jibda japplika mit-13 ta' Mejju 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ottubru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

L-Annessi III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

- (1) Fl-Anness III, il-kolonna għall-gważatina titħassar.
- (2) Fl-Anness V, tizzied il-kolonna li ġejja għall-gważatina:

“Ir-residwi ta’ pestiċidi u l-livelli massimi ta’ residwi (mg/kg)

In-numru tal-kodiċi	Il-gruppi u l-eżempji ta’ prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL (*)	Gważatina (aċetat tal-gważatina, it-total tal-komponenti)
(1)	(2)	(3)
0100000	FROTT, FRISK JEW IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR	0,05 (*)
0110000	Frott taċ-ċitru	
0110010	Grejpfrut	
0110020	Larinġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn	
0120000	Ġewż tas-siġar	
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż/ġellewż Ewropew	
0120070	Makadamja	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn	
0130000	Pomu	
0130010	Tuffieħ	

0130020	Lanġas	
0130030	Sfarġel	
0130040	Naspli	
0130050	Naspli tal-Ġappun	
0130990	Oħrajn	
0140000	Frott tal-għadma	
0140010	Berquq	
0140020	Ċiras (ħelu)	
0140030	Ħawħ	
0140040	Għanbaqar	
0140990	Oħrajn	
0150000	Kukku u frott żgħir ieħor	
0151000	(a) <i>għeneb</i>	
0151010	Għeneb tal-mejda	
0151020	Għeneb tal-inbid	
0152000	(b) <i>frawli</i>	
0153000	(c) <i>frott tal-kannamiela</i>	
0153010	Tut	
0153020	Ċawsli iswed [Dewberries]	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	
0153990	Oħrajn	
0154000	(d) <i>frott żgħir u kukku oħrajn</i>	
0154010	Mirtill	
0154020	Cranberries	
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)	
0154040	Ribes (ħodor, ħomor u sofor)	
0154050	Warda Skoċċiża	
0154060	Ċawsli (suwed u bojod)	
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	
0154080	Frott tas-sebuqa	
0154990	Oħrajn	

0160000	Frott — diversi bi	
0161000	(a) <i>qoxra li tittiekkel</i>	
0161010	Tamal	
0161020	Tin	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Larinġ tal-qsari	
0161050	Karambola	
0161060	Kaki	
0161070	Jambolan	
0161990	Oħrajn	
0162000	(b) <i>qoxra li ma tittikilx, żgħar</i>	
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar u isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frotta tal-passjoni	
0162040	Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus	
0162050	Tuffieħ stilla	
0162060	Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja	
0162990	Oħrajn	
0163000	(c) <i>qoxra li ma tittikilx, kbar</i>	
0163010	Avokado	
0163020	Banana	
0163030	Mango	
0163040	Papaja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimoja	
0163070	Gwava	
0163080	Ananas	
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	
0163100	Durian	
0163110	Il-frotta tal-annona	
0163990	Oħrajn	
0200000	ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT	0,05 (*)
0210000	Ħxejjex tal-għeruw u tuberi	
0211000	(a) <i>patata</i>	
0212000	(b) <i>ħxejjex tropikali mill-għeruw u t-tuberi</i>	
0212010	Gheruw tal-kassava	

0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn	
0213000	(c) <i>ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi</i>	
0213010	Pitravi	
0213020	Zunnarija	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għerq tal-mustarda	
0213050	Artiċokks	
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Tursin tuberuż	
0213080	Ravanell	
0213090	Sassefrika	
0213100	Swedes	
0213110	Lift/nevew	
0213990	Oħrajn	
0220000	Ħxejjex tal-basla	
0220010	Tewm	
0220020	Basal	
0220030	Shallots	
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	
0220990	Oħrajn	
0230000	Ħxejjex tal-frott	
0231000	(a) <i>solanacea</i>	
0231010	Tadam	
0231020	Bżar ħelu	
0231030	Brunġiel	
0231040	Okra	
0231990	Oħrajn	
0232000	(b) <i>kukurbiti tal-qoxra komestibbli</i>	
0232010	Ħjar	
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)	

0232030	Zukkini	
0232990	Oħrajn	
0233000	(c) <i>cucurbits tal-qoxra li ma tittikilx</i>	
0233010	Bettieħ	
0233020	Qara' aħmar	
0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn	
0234000	(d) <i>qamħirrum</i>	
0239000	(e) <i>ħxejjex tal-frott oħrajn</i>	
0240000	Ħxejjex tal-ġenus Brassica (minbarra l-għeruq tal-brassica u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)	
0241000	(a) <i>Brassika li tagħmel il-fjuri</i>	
0241010	Brokkli	
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn	
0242000	(b) <i>brassika bir-ras</i>	
0242010	Kaboċċi ta' Brussell	
0242020	Kaboċċa bir-ras	
0242990	Oħrajn	
0243000	(c) <i>brassika bil-weraq</i>	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	
0243020	Kale	
0243990	Oħrajn	
0244000	(d) <i>g'dur</i>	
0250000	Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu	
0251000	(a) <i>ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata</i>	
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	
0251020	Ħass	
0251030	Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'	
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	
0251050	Krexxuni tal-art	
0251060	Aruka	
0251070	Mustarda ħamra	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' Brassica)	

0251990	Oħrajn	
0252000	(b) <i>spinaċi u weraq simili</i>	
0252010	Spinaċi	
0252020	Burdlieq	
0252030	Weraq tal-pitravi	
0252990	Oħrajn	
0253000	(c) <i>weraq tad-dwieli u u ta' speċijiet simili</i>	
0254000	(d) <i>krexxuni</i>	
0255000	(e) <i>witloof/indivja tal-Belġju</i>	
0256000	(f) <i>ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittiekle</i>	
0256010	Maxxita	
0256020	Kurrat selvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja	
0256060	Klin	
0256070	Sagħtar	
0256080	Ħabaq u l-fjuri tiegħu kommestibbli	
0256090	Weraq tar-rand	
0256100	Stragun	
0256990	Oħrajn	
0260000	Legumi	
0260010	Fażola (bil-miżwed)	
0260020	Fażola (bla miżwed)	
0260030	Piżelli (bil-miżwed)	
0260040	Piżelli (bla miżwed)	
0260050	Għads	
0260990	Oħrajn	
0270000	Ħxejjex biz-zokk	
0270010	Spraġ	
0270020	Kardun	
0270030	Krafes	
0270040	Bużbież ta' Firenze	
0270050	Qaqoċċ	
0270060	Kurrat	
0270070	Rabarbru	

0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	
0270090	Qlub tal-palm	
0270990	Oħrajn	
0280000	Faqqieġh, ħażiż u likeni	
0280010	Faqqieġh ikkultivat	
0280020	Faqqieġh salvaġġ	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	Alka u organiżmi prokarjoti	
0300000	ŻRIERAGĦ IMNIXXFIN TAL-LEGUMI	0,05 (*)
0300010	Fażola	
0300020	Għads	
0300030	Piżelli	
0300040	Lupini	
0300990	Oħrajn	
0400000	ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT	0,05 (*)
0401000	Żrieragħ żejtnija	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	
0401020	Karawett	
0401030	Żerriegħa tal-peprin	
0401040	Ġulġlien	
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	
0401060	Żerriegħa tal-lift	
0401070	Fażola tas-sojja	
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	
0401090	Żerriegħa tal-qoton	
0401100	Żerriegħa tal-qara' ħamra	
0401110	Żrieragħ tal-għosfor	
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa	
0401140	Qannebusa	
0401150	Żerriegħa tar-riġnuwa	
0401990	Oħrajn	
0402000	Frott taż-żejt	
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt	

0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajn	
0500000	ĊEREALI	0,05 (*)
0500010	Xgħir	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	
0500030	Qamħirrum	
0500040	Millieġ komuni	
0500050	Ħafur	
0500060	Ross	
0500070	Segala	
0500080	Sorgu	
0500090	Qamħ	
0500990	Oħrajn	
0600000	TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB	0,05 (*)
0610000	Tejiet	
0620000	Żrieragħ tal-kafè	
0630000	Infużjonijiet erbali minn	
0631000	(a) <i>ffuri</i>	
0631010	Kamomilla	
0631020	Ibisku	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn	
0632000	(b) <i>weraq u ħxejjex aromatiċi</i>	
0632010	Frawla	
0632020	Rooibos	
0632030	Maté	
0632990	Oħrajn	
0633000	(c) <i>għeruq</i>	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn	

0639000	(d) <i>kull parti oħra tal-pjanta</i>	
0640000	Żerriegħa tal-Kawkaw	
0650000	Ħarrub	
0700000	HOPS	0,05 (*)
0800000	ĦWAWAR	
0810000	Ħwawar taż-żerriegħa	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Ħlewwa sewda/kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn	
0820000	Ħwawar tal-frott	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	
0820020	Bżar tas-Sichuan	
0820030	Karwija	
0820040	Kardamomu	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Bżar (iswed, aħdar u abjad)	
0820070	Vanilja	
0820080	Tamar tal-Indja	
0820990	Oħrajn	
0830000	Ħwawar tal-qoxra tas-siġar	0,05 (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn	
0840000	Ħwawar tal-għerq u tar-riżomi	
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)
0840020	Ġiġer	0,05 (*)
0840030	Żaġhfran tal-Indja	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda	(+)
0840990	Oħrajn	0,05 (*)
0850000	Ħwawar tal-blanzuni	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	

0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn	
0860000	Il-ħwawar ta' qalb il-fjura	0,05 (*)
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn	
0870000	Ħwawar tal-aril	0,05 (*)
0870010	Qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn	
0900000	PJANTI TAZ-ZOKKOR	0,05 (*)
0900010	Pitravi taz-zokkor	
0900020	Kannamieli	
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra	
0900990	Oħrajn	
1000000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI — ANIMALI TAL-ART	
1010000	Tessuti minn	0,05 (*)
1011000	(a) <i>ħmieżer</i>	
1011010	Muskoli	
1011020	Tessut xaħmi	
1011030	Fwied	
1011040	Kliewi	
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1011990	Oħrajn	
1012000	(b) <i>bovini</i>	
1012010	Muskoli	
1012020	Tessut xaħmi	
1012030	Fwied	
1012040	Kliewi	
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1012990	Oħrajn	
1013000	(c) <i>nagħaġ</i>	
1013010	Muskoli	
1013020	Tessut xaħmi	
1013030	Fwied	
1013040	Kliewi	

1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1013990	Oħrajn	
1014000	(d) <i>mogħoż</i>	
1014010	Muskoli	
1014020	Tessut xaħmi	
1014030	Fwied	
1014040	Kliewi	
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1014990	Oħrajn	
1015000	(e) <i>ekwini</i>	
1015010	Muskoli	
1015020	Tessut xaħmi	
1015030	Fwied	
1015040	Kliewi	
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1015990	Oħrajn	
1016000	(f) <i>tjur</i>	
1016010	Muskoli	
1016020	Tessut xaħmi	
1016030	Fwied	
1016040	Kliewi	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1016990	Oħrajn	
1017000	(g) <i>animali terrestri mrobbija oħrajn</i>	
1017010	Muskoli	
1017020	Tessut xaħmi	
1017030	Fwied	
1017040	Kliewi	
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1017990	Oħrajn	
1020000	Ħalib	0,02 (*)
1020010	Frat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn	

1030000	Bajd tat-tjur	0,05 (*)
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wizz	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn	
1040000	Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura	0,05 (*)
1050000	Amfibji u Rettili	0,05 (*)
1060000	Annimali terrestri invertebrati	0,05 (*)
1070000	Annimali vertebrati terrestri slavaġ	0,05 (*)

(*) Jindika limitu iktar baxx ta' kwantifikazzjoni analitika

(e) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRL, għandha ssir referenza għall-Anness I.

Gważatina (aċetat tal-gważatina, it-total tal-komponenti)

(+) Il-livell massimu ta' residwi applikabbli għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-kategorija tal-ħxejjex, fil-grupp tal-ħxejjex mill-għerq u mit-tuberi (kodiċi 0213040) filwaqt li jitqiesu l-bidliet li jkun hemm fil-livelli minħabba l-iiproċessar (tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

0840040 Għerq tal-mustarda"